MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 34

13 ta' Ottubru 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.37pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjura Connie Scerri li daħlet onlajn 5.39pm u s-Sur Alex Mangion li kien jinsab imsiefer.

## 34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

34.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha ittra t'apoloġiji tas-Sur Alex Mangion.

## 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

34.2.1 Il-Minuti ġew approvati.

## 34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

34.3.1 *Arnold Cassola*

Is-Sur Cordina qal li rċieva imejl mingħand il-Professur Arnold Cassola u kien f'obbligu li jressaqha Kunsill sabiex bħal kull persuna oħra f'ambitu ta' politika li tixtieq tiltaqa' mal-Kunsill tkun tista' tagħmel dan.

34.3.2 *Miss Ħ'Attard*

Is-Sur Cordina qal li l-ġimgħa l-oħra kellu l-okkażjoni jiltaqa' mat-tfalja li ħa tirrapreżenta lil Ħ'Attard f'Miss Malta, is-Sinjurina Marilyn Haber. Hi talbet biex il-Kunsill jgħin fil-*competition banner* li tiswa €177. Kulħadd qabel.

34.3.3 *Community Social Activity Line Dancing*

Is-Sur Cordina qal li rċieva imejl mingħand is-Sur Joe Mifsud li ilu jieħu ħsieb il-*line dancing* għal dawn l-aħħar 19-il sena f'diversi *day centres* u bħalissa wkol fil-Kunsill Lokali Swieqi, fejn ġie mitlub li għal din is-sena l-Kunsill jgħin fl-organiżazzjoni billi jieħu ħsieb ir-refreshments, te', kafe' u gallettini għad-disgħa xhur li ġejjin liema spiża tammonta €400. Qal li jekk jaqblu hu jħoss li jkun qed jagħti servizz lil min iħobb dawn it-tip t'attivitajiet. L-Avukat Caruana saqsiet jekk dawn hux qed isiru Ħ'Attard u jekk bdewx. Is-Sur Cordina qal li ġa bdew u bħalissa qed isiru ċ-Ċentru Parrokkjali. Hu qal li t-tagħlim qed jitħallas mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, anka l-użu tas-sala. Dawn isiru bejn Ottubru u Ġunju darbtejn fil-ġimgħa nhar ta' Ġimgħa. Kulħadd qabel.

34.3.4 *Malta Marathon*

Is-Sindku qal li skada l-ftehim li kien sar dwar tlielaq tal-atletika mal-Malta Marathon. Hu qal li qabel it-tlielaq tal-5k u 10K kienu jsiru mill-Kunsill fejn kien isir ħlas ta' madwar €800. Meta

ha kollox f'idejh is-Sur Joe Micallef xorta kien isiru tlielaq imma għalkemm taħt il-kappa tal-Kunsill ma kien isir l-ebda ħlas għax kienu jitħallas kollox mill-Malta Marathon għan-nom tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard u l-Kunsill jieħu il-PR. Dan il-ftehim skada f'Settembru li għadda w'għaldaqstant qed jiġi mressaq għat-tiġdid.

34.3.5 ***Skema 2/2021 Servizz ta' Tagħlim fil-mużika mogħtija mill-każini tal-banda fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru***

Is-Sur Cordina qal li din l-iskema ta' €2000 hi ntezjonata għal dawk il-każini li jgħallmu l-banda u fir-raħal l-unika każin li jgħallem il-banda b'xejn hu dak ta' La Stella Levantina. Qal li wara l-laqgħa tar-Reġjun ħa l-inkarigu jmur ikellimhom u dawn preparaw id-dokumentazzjoni kollha hekk kif mitlub: ċertifikat tal-għalliem/surmast, il-konferma li huma reġistrati bħalha għaqda volontarju, l-*accounts*... Il-banda għandha 2 surmastijiet li jgħallmu 14-il student. Hu qal li l-Kunsill mhu ħa jitlef xejn u hu tal-parir li għandhom japplikaw. Kulħadd qabel.

34.3.6 ***Skema 4/2021 Xiri ta' Automated External Defibrillator (A.E.D) u Taħriġ***

Is-Sur Cordina qal li din l-iskema tinkorpora xiri ta' apparat hekk imsejjaħ defibrillator li jagħti x-xokkijiet u r-Reġjun ġabar il-kwotazzjonijiet hu li huma: Pharmabart Limited €4,838.00, A.T.G. Company Limited €2,330.50 u Neofarma Limited €2,920.50. Hu qal li t-tlieta li huma joffru *training*. Hu kompla li din tkun l-uffiċċju l-ġdid u tkun tista' tintuża' mill-klabb tal-futbol. Is-Sur Galea qal li darba fis-sena għandu wkoll isir *first aid course.* Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jorganiżża korsijiet tal-*first aid.* L-Avukat Caruana qalet li mill-Kunsill minn tal-inqas għandhom ikunu trenjati żewġ persuni. Is-Sur Bartolo qal li anka tlieta. Qal li dan il-kors huwa vera qasir xi nofsiegħa kollox u allura m'hemmx telf. Kulħadd qabel li l-għażla taqa' fuq l-irħas dik ta' A.T.G. Company Limited.

34.3.7 ***Attivitajiet tal-Anzjani***

Is-Sur Cordina qal li kif jafu l-Kunsill kien jgħin lill-għaqda tal-Parroċċa Grupp Sant'Anna 60+ darba fix-xahar fit-tombla jew l-ħarġa u kien jgħin billi jħallas jew ir-*refreshments* jew it-transport. Qal li kif kulħadd jaf, dawn issa ilhom ma jsiru sena u nofs minħabba l-Covid u se jibdew min-nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ottubru. Is-Sur Cordina qal li kellu talba sabiex isir van għal dawk l-anzjani xi għaxra li ma jkunux jifilħu jinżlu bil-mixi min-naħa ta' fuq jew jgħixu waħidhom. Saqsa jekk jaqblux li dan jiġi provdut. Kulħadd qabel.

34.3.8 ***Skema 10 Proġett Ġenerali***

Is-Sur Cordina qal li taħt din l-iskema ta'€3000 il-Kunsill kien ibbenefika mir-restawr tal-Mafkar tal-Gwerra. Minn dan l-ammont kien fadal xi €1,300. Hu propona li dawn jiġu utilizzati f'xiri mill-ġdid ta' grada li qed tiġi utilizzata mill-iskola u mill-Ħ'Attard Football Club. Għal din il-grada hemm tliet kwotazzjonijiet differenti li jvarjaw bl-irħas waħda tkun ta' €1693.30 Ta' Kandja. Is-Sur Galea jekk din hijiex il-grada ta' quddiem l-ispiżerija. Is-Sur Cordina qal li din qegħda fil-*premises* tal-iskola, tagħti għall-*basement* u l-grawnd tal-futbol. Is-Sur Galea qal li jekk din se tinħadem fuq il-post jaraw li ma jkunx hemm periklu għat-tfal. Is-Sur Cordina qal li din se tinħadem għand min ħa jissupplixxiha. Is-Sur Bonnici ssuġġerixxa li din issir galvaniżżata

mill-ewwel. Is-Sur Giorgio Schembri reġa' saqsa minn fejn ħerġin it-tfal u min ħa jużaha. Is-Sur Cordina reġa' spjega li din il-grada hi esklussivament għall-użu tat-tfal tal-iskola u futbol klabb. Kulħadd qabel.

*PC049/21*

Is-Sur Cordina qal li xtaq ikellimhom fuq PC 049/21 imma li fuq dan għandu jitkellem il-Perit minħabba li hu personali ma jistax jifhem eżatti x'qed jiġi mitlub u l-Perit hu tal-parir li tintefa' oġġezzjoni jew xi tip ta' riżerva. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din l-applikażżjoni hi fuq binja li għandha aċċess limitat minn Triq il-Mosta u kważi aċċess ta' xejn minn Triq ir-Rużell, għandha frontage moderat li jagħti għal sit imdaqqas sew fin-nofs imdawwar bil-bini tat-terzi. Din l-applikazzjoni tikkunsidra li tinbena triq u piazza pubblika, tigi esproprijatà parti mill-art biex issir aċċess pubbliku predominanti u għall-użu tal-istess residenti biss. Is-Sur Cordina qara l-imejl tal-Perit liema rappreżentazzjoni trid issir sat-28 ta' Ottubru 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din kienet attendiet laqgħa għaliha l-awtorità tal-Ippjanar u kienet ġiet mistoqsija jekk il-Kunsill jidħolx għall-manutenzjoni tal-istess triq wara li din tiġi ffurmata fil-privat. Hi kienet qalet li jekk jaslu għal dan din tiġi diskussa Kunsill kif fil-fatt qed isir.

Il-Perit Schembri qal li qed jifhem sew meta jsiru dawn it-tip ta' toroq tintefa' PC application, l-inqas wisgħa tkun 8m u tiġi esproprijatà mill-Gvern. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ewwel darba jsiru jew mill-kuntrattur jew mill-Gvern skont iċ-ċirkustanzi u skont il-Perit jridu jsiru affarijiet bażiċi. Is-Sur Cordina qal li l-issue huwa simili bħal ta' triq Dun Gwann Theuma.

## 34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

34.4.1 Victor Galea

- Talab sabiex isiru l-*crash barriers* issa li tlesta l-proġett tas-Central Link. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa jiġi nfurmat il-Perit. Is-Sur Cordina qal li jekk hemm xi ħadd li għandu xi kuntatti ma jsir xejn ħażin li tingħata palata biex jgħaġġlu l-affarijiet u jfittxu jlestu.

34.4.2 Connie Scerri

- Tkellmet u tat rendikont fuq attività li saret fl-24 ta' Settembru mill-Aġenzija Żgħażagħ fejn żewġ tfajliet li kienu qed jirrapreżentaw il-lokalità ta' Ħ'Attard, Rebecca Falzon u Shana Mifsud tkellmu fuq affarijiet li laqtuhom fir-raħal tagħhom. Fost affarijiet oħra huma semmew il-ġonna li qalu li huma partikolralment miżmuma tajjeb imma meta marru fuq żjara fejn jiltaqgħu l-iScouts qalu li l-bini hu mitluq u kienu veru iddiżappuntati u li kienu ħa jaraw jippruvawx iġibu xi fondi ewropej biex jirrestawraw il-binja.

34.4.3 John Bonnici

- Saqsa fuq l-*agreement* li sar mal-Cleansing Department u xi gwadann ħadna minnu. Is-Sur Cordina qal li f'każ li jkun hemm rimi ta' skart goff kienu ħa jidħlu għall-ġbir tiegħu huma u fejn qabel kienu jibgħatulna l-kont ix-xogħol issa ħa jibda jsir b'xejn.

## 34.5 Attivitajiet 2021/2022

34.5.1 Is-Sur Remigio Bartolo qal li rigward l-attivitajiet tal-Milied qal li dak ħadet ħsiebu s-Segretarju Eżekuttiv u tlestew xi ċifri ta' spejjeż marbuta ma dan. Is-Sur Cordina qal li minn dan il-lat ta' applikazzjoni ta' fondi hemm Riżoluzzjoni lesta sabiex tingħadda waqt din il-laqgħa u li jekk irid jista' jaqrahilhom. Is-Sur Bartolo qal li jekk filkaż il-programm jiġi ċirkulat wara u jiddiskutuh finali fil-laqgħa li jmiss. Is-Sur Cordina qal li hemm budget ta' €50,000 u kienet qed taħdem fuqu s-Sinjura Sammut fejn ġabet stimi mingħand entitajiet u ta' min ifaħħar l-istaff fuq inizjattivi bħal dawn.

Is-Sur Bartolo qal li ħaġ'oħra hi Ġieħ Ħ'Attard. Qal li issa ilu sentejn ma jiġi organiżżat u bix-xieraq li dan jerġa' jibda jsir. Hu qal li issa li ġiet stabbilita ġurnata f'Marzu hemm bżonn li jinbidel it-*trophy* wkoll. Kompla jgħid li dan it-*trophy* hu simili ta' dak li għandhom l-OHSA u wasal iż-żmien li jinbidel. Is-Sindku qal li dik it-*trophy* ilha madwar 23 sena u jaqbel. Is-Sur Bartolo qal li tkellem mas-Sur Paul Haber li qabel li wasal iż-żmien li jinbidel imma li għad-disinn inizjali ġieħ il-ħsieb li jħalli f'idejn it-tfal tal-iskola Primarja Tumas Dingli. Is-Sur Haber ħa jaħseb naqra x'jista' jsir u jiltaqgħu mal-*Head* tal-iskola. Is-Sur Cordina qal li d-disinn irid ikun esklussivament tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard. L-Avukat Brincat qal li d-disinn jista' jiġi rreġistrat. Il-Perit Schembri qal li kultant żmien għandu jinbidel. L-Avukat Caruana qalet li wieħed irid jara l-ispiża. Is-Sur Cordina qal li tinbidel kull leġislatura i.e. 5 snin peress li kif issuġġerixxa l-Perit Schembri kull sentejn wisq ħafna spissa u mbagħad ikun hemm wisq *trophies.* Kulħadd qabel li ssir kull legislatura

## 34.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

34.6.1 **Riżoluzzjoni 13 Proponent Stefan Cordina Sekondant Remigio Bartolo**

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova is-somma ta' €5,000 bħalha ko-finanzjament għall-Għotja ta' Fondi taħt l-iskema SPI/SCI/6/2021 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021 sabiex jekk jirnexxi isir Villaġġ tal-Milied fi Pjazza Tumas Dingli b'kollaborazzjoni mal-Każini.

Kulħadd qabel.

## 34.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

34.7.1 L-Avukat Caruana qalet li nnutat li l-iskema tal-Baned imħallsa darbtejn f'items 53 u 21. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhumiex darbtejn imma separati i.e. wieħed Soċjetà Mużikali La Stella Levantina u l-ieħor Ċirkolu Santa Marija. Is-Sur Cordina qal li dawn huma flus tar-Reġjun. Il-pagamenti ġew approvati.

Rigward ir-*representation* ta' PC049/21 is-Sur Cordina qal li fadal sat-28 t'Ottubru biex issir u għalhekk hu tal-parir jew jiltaqgħu darb'oħra la l-Perit kien għadu mhux dispost jew jistennew il-Perit jasal u jikkomunika mal-Kunsill. Il-Perit Schembri qal li jippreferi jistenna u jiddiskutuha issa.

Il-Perit daħal f'komunikat u qal li bażikament dan hu *internal development* ta' tmin plots u entratura kull m'għandu entratura hu wisgħa ta' plot. Hu qal li dawn it-tip t'applikazzjonijiet huma 50% - 50% fejn li għandu favurieh hu li ħa jiftaħ triq ġdida u kontrieħ li l-iżvilupp hu kollu fuq ġewwa. Hu ssuġġerixxa li ssir *letter of interest* għax fil-fatt meta ma sarux letter of objections u lanqas t'interess ir-residenti b'xi mod ħaduha kontra l-Kunsill u b'hekk wieħed ikollu ċans jikkunsidra li ssir oġġeżżjoni wara skont kemm ikun hemm oġġezzjonijiet. Bħalha opinjoni personali il-Perit qal li ġejjin *overdeveloped*...ma jtihomx tort imma ġejjin wisq ġo xulxin. Il-Perit Schembri saqsa jekk hix *designed priority area*? Il-Perit qal li hi development zone imma meta tikkunsidra li ġejjin daqshekk ġo xulxin xorta problema u li kieku kien hemm ħruġ ieħor kien ikun differenti. Qal li jkun hemm ħafna storbju għax tmin plots fuq 4+1 fihom. Apparti hekk kollox minn *exit* waħda. Il-Perit Schembri qal li suppost la entratura waħda irid ikun hemm l-i*splays* imma kif qal tajjeb il-Perit Falzon maġenbu ġa mibni allura dawn ma jistgħux isiru. Hu qal li extra parking ħa jkun hemm żgur u ma jaħsibx li ħa jkun hemm nuqqas ta' parkeġġ imma *noise pollution* ħa jiġi ġenerat żgur. Il-Perit Schembri qal li dan ħa jieħu spazju tal-ġonna fuq wara u ħa jnaqqas l-*open spaces.* Ħu qal li hemm punti biżżejjed biex issir oġġezzjoni. Hemm lok fejn ma jużax l-*minimum flooring* u jkabbar ftit minn hekk il-flettijiet, ikabbar il-*common areas* u jigu ridotti l-units.

Is-Sinjura Connie Scerri skużat ruħha u ħarġet minn *online* f'dan il-mument 6.58pm.

Is-Sur Victor Galea qal li għandha tidħol oġġezzjoni fuq dawn il-punti:

- ħa jkun hemm wisq konġestjoni ta' nġenji u karożżi deħlin u ħerġin minn siti oħra
- dan l-*overdevelopment* ha jaffettwa l-arja u jitfgħu fid-dell l-iskola biswitha.

Hu qal li t-tfal għandhom jiġu rrispettati u għalhekk għandha ssir oġġeżżjoni wkoll.
Il-Perit qal li dan l-iżvilupp ħa jitfa' l-bini l-ġewwa żgur u ħa jara l-orjentazzjoni tax-xemx biex ikun ċert fejn ħa jitfa' d-dell u jżidha mal-punti l-oħrajn.

Kulħadd qabel li ssir oġġezzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat il-punti li ssuġġerew il-Perit Schembri u s-Sur Galea f'imejl.

## 34.8 Mozzjonijiet; u

34.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 34.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

34.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.04pm u ġiet aġġornata għat-17 ta' Novembru 2021 fil-5.30pm

Konfermati, illum 17 ta' Novembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |